Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: 24 ta' Marzu 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.05pm.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier MLB infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 9. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

10.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG, il-minuti ġew approvati.

## 10.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

10.3.1 Para 9.3.1 – Dawl dekorattiv
Is-SE infurmat lir-rifletturi se jiġi installati mill-*electrician* għada. Is-SE infurmat ukoll li se jiġi nstallat ukoll dawl solari mal-istatwa ta' Santa Marija.

10.3.2 Para 9.3.2 - *Framework Agreement – Public Works*
*Public Works* infurmaw li *patching* (*hot asphalt)* ta' parti biss minn triq tkun aċċettata u għalhekk is-SE applikat biex issir parti minn Triq Santa Marija (il-parti sfrondata).

10.3.3 Para 9.3.4 - *Speed tables*
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni li tammonta għal €6,430.06c biex issir *speed table* fejn il-Każin tal-*Football*. Se jiġi ċċekkjat mal-KL ta' Ħ'Attard kemm ħallsu biex installaw waħda, għax din il-kwotazzjoni hija għolja.

10.3.4 Para 9.3.5 - Wesgħa Ġiġi Gauci
Is-SE infurmat li l-kwotazzjoni mibgħuta mill-kuntrattur tammonta għal aktar minn €2K. Għalhekk, il-pjanti ġew mixtrija (madwar €182) u mħawwla mill-ħaddiema tal-Kunsill.

**F'dan il-ħin (5.11pm) il-Viċi Sindku EG daħal għal-laqgħa.**

10.3.5.1 Para 9.3.8 - Triq il-Ferrovija l-Qadima k/m Vjal il-Bon Pastur
Is-Sindku infurma li l-Perit Graziella Galea (IM), ikkonfermat mas-SE l-istess li qalet lilu, li aktar tard din is-sena se jsir xogħol mill-Enemalta u *re-instatement* se ssir min l-Enemalta stess. Infurmat ukoll li għalissa IM jistgħu jagħmlu *re-instatement* temporanju bil-konkos.

10.3.5.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir temporanjament bil-konkos u li sal-aħħar ta' Settembru, jrid isir *re-instatement* bl-asfalt.

10.3.6 Para 9.3.9 - Fondi mill-ERA għal Tisbieħ f'Wied Ħal Balzan
Is-Sindku infurma li l-pjanti (ppreparati mill-Perit tal-Kunsill) ġew sottomessi lill-ERA biex jiġu riveduti.

10.3.7.1 Para 9.3.10 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)
Is-Sindku infurma li TM m'approvawx it-talba biex titneħħa kaxxa u ssir kollha dyl, Minflok TM approvaw li jsir MC Bay u dyls fil-ġnub, faċċata tal-garaxxijiet. Is-SE infurmat li bħala Kunsill konna diġà ssuġġerejna dan lill-amministratur tal-garaxxijiet, però ma kienx qabel għax skond hu xorta jiġi ostakolat l-aċċess.

10.3.7.2 Il-Kunsill qabel li nibgħatu kopja tal-permess maħruġ minn TM lill-amministratur, kif ukoll ninfurmaw lill-TM bid-dettalji u li qed nantiċipaw li se jkun hemm il-problemi xorta.

10.3.8 Para 9.3.11 - Bankina f'Wied Ħal Balzan
Kif issuġġerit mill-Avukat, infurmajna lill-Perit tal-Kunsill biex jagħmel spezzjoni tar-rampa perikoluża u qed

nistennew risposta.

10.3.9 Para 9.3.6 – *iBiNs Collaboration Agreement*
Is-Sindku infurma li għad m'hemmx aġġornament, peress li l-laqgħa tar-Reġjun għadha ma saritx.

**F'dan il-ħin (5.19pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-5.25pm.**

10.3.10 Para 9.11 – Permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet
Is-Sindku infurma li mexxejna kif maqbul fil-laqgħa li għaddiet.

10.3.11 Para 9.13.1 - Mural ta' Gabriel Caruana
Is-Sindku infurma li tkellem ma' persuna u għandha tgħaddilu l-kuntatt tat-tifla tal-mibki Gabriel Caruana.

10.3.12 Para 9.13.2 – Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech
Is-Sindku infurma li qed inġibu kwotazzjonijiet minn 3 skulturi.

## 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.4.1 *Telephone Box* li hemm fil-Pjazza
Is-Sindku infurma li reġa' kiteb lis-CEO tal-Go plc peress li bqajna mingħajr l-ebda risposta.

10.4.2.1 *Ex-Dolphin Centre*
Is-Sindku infurma li flimkien mal-Perit tal-Kunsill, attendew għal-laqgħa tal-PA fejn ġiet diskussa l-applikazzjoni biex isir passaġġ pedonali pubbliku ġewwa l-kumpless. Is-Sindku qal li kemm hu, kif ukoll il-Perit għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom għal din l-applikazzjoni. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni ġiet approvata mill-PA bil-kundizzjoni li fil-pjanta jrid juri kif se jipproteġi s-siġar li hemm fuq il-bankina.

10.4.2.2 Is-Sindku se jkellem lill-Perit biex naraw x'opzjonijiet għandna, issa li ħareġ il-permess. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tibqa' lis-siġar iridu jiġu protetti.

10.4.3.1 Triq il-Kbira
Dwar ix-xogħlijiet li l-WSC se jkun qed jagħmlu fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira, is-SE infurmat li l-aħħar żviluppi kienu li għadhom qed jaħdmu fuq il-pjanti.

10.4.3.2 Dwar ir-rikostruzzjoni tat-triq li ser isir minn IM, is-Sindku infurma li bqajna mingħajr risposta. Is-Sindku talab li nibgħatu *reminder* lis-CEO ta' IM u tal-WSC. Dan it-triq kienet imwegħda li ssir fil-leġislatura preċedenti.

10.4.4 Tabelli mir-Reġjun Tramuntana
Is-Sindku infurma li lill-Kunsill bil-kwestjonarju li ntbagħat mir-Reġjun b'numru ta' opzjonijiet differenti proposti. Il-Kunsill iddiskuta u għażel żewġ opzjonijiet, b'tabella diġitali tkun l-ewwel preferenza.

10.4.5 Kontenitur għaż-żejt użat
Il-Kunsill irċieva talba mill-kumpanija biex terġa' tpoġġi kontenitur għaż-żejt domestiku f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. Il-Kunsill m'approvax li jerġa' jsir.

10.4.6 Magna tal-BCRS
Is-Sindku infurma li avviċinawh tal-BCRS, fejn infurmaw li issa interessati li jagħmlu magna fejn il-B-I-S. Fil-leġislatura preċedenti, il-Kunsill kien diġà indika dan il-post lill-kumpanija. Qed nistennew min-naħa tal-kumpanija l-pjanti.

10.4.7.1 Talba għal *sleeping policeman* fi Triq il-Kbira
Is-Sindku infurma li għadna kif irċivejna talba (bil-kunsens tar-residenti) biex issir *sleeping policeman* fil-parti t'isfel tat-triq quddiem nru. 8.

10.4.7.2 Il-Kunsill qabel li nipproċedu bl-applikazzjoni ma' TM, wara li jiġu vverifikati l-firem tar-residenti.

## 10.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

10.6.1.1 Rapport Amministrattiv għas-sena 2024

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2024, li jinkludi r-Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

10.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier AG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 10.7 Vakanza ta' *Administration Officer* II (Skala 10)

10.7.1 Is-SE infurmat lis-sejħa pubblika u mal-Jobsplus ħarġet u se tagħlaq fit-28 ta' Marzu 2025.

10.7.2 Is-SE infurmat ukoll li l-impjegata li se tirtira f'Awwissu, qed titlob li tibqa' taħdem mal-Kunsill wara li tilħaq l-età tal-irtirar.

10.7.3 Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jestendi l-impjieg tagħha. Għalhekk kien hemm qbil li jieqaf il-proċess sakemm nirċievu l-approvazzjoni tad-DGL.

## 10.8 *iBiNs Collaboration Agreement*

10.8.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*item* 10.3.9.

## 10.9 Skemi Finanzjarji

10.9.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/05/2025 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill mhux se japplika għal din l-iskema peress li l-Karnival jiġi viċin wisq Jum San Valentin u ma jkunx hemm żmien biex isiru l-preparamenti.

## 10.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

10.10.1 Dan l-*item* ġie diskuss aktar qabel f'*items* 10.3.11 u 10.3.12.

## 10.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

10.11.1 Ċirkulari AKL 2025/024 – Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità u 2025/025 – Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet

Ġew innutati Ċirkulari AKL 2025/024 u 2025/025 maħruġa mill-AKL. Ġiet innotata wkoll *email* li ntbagħtet minn ANSEK lill-AKL b'numru ta' punti biex jiġu kkunsidrati qabel ma' Kunsill jimplimenta servizz bħal dan. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalissa nistennew biex naraw xi żviluppi se jkun hemm għax irridu nkunu ċerti li nieħdu l-miżuri kollha neċessarji qabel ma nibdew noffru dan is-servizz.

10.11.2.1 Bankina fi Triq Antonio Bosio

Is-Sindku semma l-każ tar-resident li għandu nuqqas ta' mobbiltà li kien ġie diskuss f'laqgħa preċedenti. Ir-resident infurma li sab soluzzjoni biex joħroġ u jdaħħal l-*electric wheelchair.* Però din is-soluzzjoni mhix prattika biex toqgħod toħroġ u ddaħħal il-*wheelchair* kull darba, għalhekk qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jinstalla *bollard* taħt il-bankina biex ikun jista' jorbtu magħha.

10.11.2.2 Il-Kunsill iddiskuta u se jiġi ċċekkjat jekk jistax jorbot il-*wheelchair* mal-arblu tat-tabella tar-*reserved* li suppost ikun hemm quddiem ir-residenza tiegħu.

10.11.3.1 Talba għal *bollard* jew tabella tal-MC Bay fi Buontempo Estate

Resident qed jitlob li jew issir *bollard* jew tabella tal-MC Bay (toħroġ il'barra mil-ħajt 20cm) biex jipprevjeni milli jostakolaw l-aċċess peress li vetturi jipparkjaw eżatt quddiem l-entratura tad-dar. Is-SE infurmatu li l-Kunsill ma japprovax li jiġu nstallati *bollards.* Is-SE infurmat ukoll li qed jiġi ssuġġerita li t-tabella teħel mhux iktar minn 10cm il'barra, għax tista' tintlaqat minn vetturi.

10.11.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u bħala kompromess qabel tiġi mwaħħla tabella 15cm il'barra.

10.11.4 *Bollards* fi Buontempo Estate

Is-SE infurmat li kien hemm żewġ każi fejn ġew imwaħħla *bollards* mingħajr permess, fejn is-sidien tad-djar ġew infurmati biex ineħħuhom. F'każ minnhom tneħħiet. Il-każ l-ieħor, filwaqt li ammetta li waħħalhom mingħajr permess għax kienu qed jostakolawlu l-aċċess għar-residenza, qed jitlob li ma jitneħħewx. Din it-talba ma ġietx approvata u l-*bollards* għandhom jitneħħew minnufih.

10.11.5 Carport – Buontempo Estates

Resident qed jitlob permess biex inaqqsu biċċa mill-bankina (fejn in-niċċa) biex ikollu aċċess għal *carport* li se jagħmel. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni. Se ssir laqgħa fuq il-post mas-sid biex jispjegalna eżatt x'qed jitlob. Ġie rrimarkat li l-Kunsill jista' jagħti permess biss biex imiss il-bankina u biex isir carport, ir-resident għandu jġib il-permess meħtieġa mill-PA.

10.11.6.1 *Cat Shelters* f'Wesgħa Ġiġi Gauci

Resident qed jilmenta fuq il-*cat shelters* li għadhom kif tpoġġew u qed jitlob li jitneħħew għal numru ta' raġunijiet.

10.11.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jitneħħew. Il-Kunsillier ONDG ma qabilx li jitneħħew.

10.11.7 *Communal Reserved Parking*

Il-Kunsillier AG infurmat li residenta fi Triq Sisner qed titlob li ssir *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq San Valentin għax li hemm fi Triq Sisner qed tkun dejjem okkupata. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi lir-residenta tapplika għal *Personalised Reserved Parking*.

## 10.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

10.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/25, li tinkludi l-ammont ta' €141.64c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2025.

10.12.2 Is-Sindku irrimarka li pagament nru. 33 (transazzjoni nru. 083/25) indirizzat lilu huwa relatat mar-reklam li sar fuq Facebook tal-attività ta' Jum San Valentin 2025.

10.12.3 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 10.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.45pm.

10.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 15 ta' April 2025 fil-4.00pm. Eżatt wara (fis-6.00pm) se ssir il-Laqgħa tal-Lokalità.

Konfermati, it-Tlieta, 15 ta' April 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |